XEWKIJA

*MINUTI*
***KUNSILL LOKALI XEWKIJA***
***LAQGĦA NRU 422***
***IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 50***
***L-Erbgħa 16 ta' Frar, 2011***

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.45pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużata:* *Dr. Marthese Portelli*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 421 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

**1. Attendenza**

Il-Viċi Sindku nforma lill-Kunsill li huwa qiegħed jistudja barra l-pajjiż u għalhekk ser ikun diffiċċli għalih biex minn issa sa Mejju jattendi l-laqgħat tal-Kunsill. Huwa qal li se jagħmel mill-aħjar li jista' biex jekk ikun possibbli jattendi.

**2. Mill-Minuti 421**

**Paġna 2 Paragrafu 4, Karnival 2011:-** Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li għad ma rċevejna ebda risposta minn għand il-Wasteserv Malta Ltd dwar sponsor biex issir tinda għall-ballu tal-Karnival. Is-Sindlu qalet li l-ballu jista' jsir xorta waħda jekk it-temp ikun jippermetti. Il-Kunsill qabel dwar dan u ghalhekk ser isiru l-preparamenti biex din l-attivita tkun tista' ssir flimkien mal-attivitajiet l-oħra tal-Karnival.

**3. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-37**

**4. Financial Statement 2010**

Dan id-dokument tqassam minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament il-Financial Statements 2010. Peress li għad irid isir l-awditjar, jistgħu jsiru aġġustamenti għal dawn il-Financial Statements minn naħa tal-Awditur.

**5. Offerta dwar Tindif u Manutenzjoni ta' Latrina Pubblika (Triq Ħamrija)**

Sal-ħin tal-għeluq fil-kaxxa tal-offerti ntefgħu żewġ offerti li huma ta' Xewkija Tigers FC (€3,700) u ta' Jason Sultana (€2,500). Il-Kunsill iddiskuta dwar din l-offerta u qabel

unanimament li għandha tiġi aċċettata l-aktar offerta vantaġġjuża li hija ta' Jason Sultana. Għalhekk ser jiġi preparat biex jiġi ffirmat il-ftehim. Il-Kunsill qabel li l-latrina pubblika l-ġdida (ta' Triq Ħamrija) għandha tibda tinfetaħ minn Marzu 2011.

## 6. Tiġdid tal-Kuntratt dwar Tindif ta' Toroq Urbani

Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt dwar tindif ta' toroq urbani li jinħadem minn Xewkija Tigers FC għandu jiġġedded għal sitt xhur oħra u għalhekk ser ikun jagħlaq fil-31 ta' Awwissu 2011.

## 7. Kisi ta' toroq bit-Tarmak taħt l-iskema Public Private Partnership (PPP)

Kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill kien qed jistenna risposta minn naħa tas-Segretarjat Parlamentari u tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Fil-fatt il-Kunsill irċieva konferma minn għand Cynthia Misokova li l-proposta tal-Kunsill kienet qed tiġi aċċettata. Għalhekk il-Kunsill ser jingħata l-ammont ta' €150,129.50 biex jiksi bit-tarmak ħames toroq li huma Triq Indri Borg, Triq Arc Grech, Triq l-Għarus, Triq Jean De La Vallette u Triq Sant'Elija. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li għandna nibgħatu ittra lil Gatt Tarmac Ltd fejn nitolbuh jikkonferma li lest li jagħmel dawn it-toroq bl-istess speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet tal-kuntratt li għandna miegħu dwar kisi ta' toroq bit-tarmak. Il-Kunsill qed jistenna wkoll risposta minn għandi l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex naraw x'xogħlijiet hemm bżonn isiru minn naħa tagħhom f'dawn it-toroq. Il-Kunsill qabel ukoll li l-offerta Nru 2010-03 m'għandix tiġi aċċettata peress li r-rati huma għoljin ħafna.

## 8. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

**Mill-Korrispondenza**

i. David Azzopardi u Nenu Xuereb f'isem il-Kummissjoni Armar ta' Triq San Bert infurmaw lill-Kunsill li huma ma jaqblux li l-Kiosks tal-Festa għandhom jarmaw f'din it-triq. Huma qed jipproponu li dawn jarmaw fejn kienu jarmaw qabel u għalhekk fi Triq Arc Ciantar, wara l-Knisja. Is-Sindku pproponiet li għandna niltaqgħu mal-Kummissjoni Armar ta' Triq San Bert fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill u b'hekk jiġi deċiż fejn se jarmaw il-Kiosks tal-Festa.

ii. Dwar l-istess suġġett kitbu Frankline Zammit, Mary Azzopardi u Jane Axiak li huma residenti ta' Triq Arċ. Ciantar. Huma qed jilmentaw dwar il-Kiosks tal-Festa li jitpoġġew fit-triq imsemmija. Il-Kunsill qabel li għandha tittieħed deċiżjoni dwar il-Kiosks tal-Festa fil-laqgħa li jmiss wara li niltaqgħu mal-Kummissjoni tal-Armar ta' Triq San Bert.

iii. Il-MEPA kienet infurmat lill-Kunsill li fil-15 ta' April se jinstemgħu l-appelli dwar il-Waste Transfer Station li l-Wasteserv Malta Ltd applikat biex tibni fl-inħawi tal-Kus, ix-Xewkija. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li aktar tard ser issir laqgħa mal-Wasteserv Ltd u għalhekk qabel inwaqqfu dawn l-appelli għandna naraw bħala Kunsill x'nistgħu nieħdu bħala għajnuna. Wara li ssir din il-laqgħa, il-Kunsill jiddeċiedi jekk għandux iwaqqaf l-appelli.

iv. Marion Zammit infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar programm li ser tkun qed ittella' fuq Net TV bl-isem It-Tokk. Dan il-programm ser ikun dwar Għawdex u għalhekk qed tistieden lill-Kunsilli Lokali Għawdxin biex jieħdu sehem. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu sehem u għalhekk is-Sindku se tagħmel il-kuntatti meħtieġa.

v. L-AKL ħeġġet lill-Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fil-kampanja Earth Hour 2011. Il-Kunsill qabel li għandna nipparteċipaw f'din il-kampanja u għalhekk fanali dekorattivi li għandna f'diversi inħawi madwar ir-raħal għandhom jiġu mitfija. Ġie suġġerit ukoll li tintefa' Pjazza San Ġwann Battista u jiġu mistiedna r-residenti biex jinġabru fil-pjazza u jixgħelu xemgħa.

vi. Guido Zammit (Uffiċċjal inkarigat dwar l-iskema ta' Xogħol fil-Komunita) informa lill-Kunsill li qed iġeddu s-servizz ta' Anthony Abela u Frankie Said għal sitt xhur oħra. Il-Kunsill qabel dwar dan.

vii. Mro Colin Attard informa lill-Kunsill li għal darb'oħra ser tittella' Gaulitana: Festival of Music. Din ser issir fix-xhur April u Mejju. Huwa jixtieq ikun jaf jekk il-Kunsill Lokali tax-Xewkija hux interessat li waħda mill-attivitajiet tittella' fir-raħal tagħna kif sar dawn l-aħħar snin. Is-Sindku pproponiet li għandna nikkordinaw biex din l-attivita tkun tista' ssir. Il-Kunsill qabel dwar dan.

viii. Laurie Zammit ilmenta mal-Kunsill dwar il-fatt li quddiem ir-residenza ġdida tiegħu fi Triq Santa Marija qed iżomm ħafna ilma tax-xita (huwa bagħat ukoll ritratti li jindikaw kemm qed izomm ilma). Huwa talab biex isir ix-xogħol meħtieġ biex din il-problema tissolva. Il-Kunsill qabel li għandha ssir spezzjoni fuq il-post. Il-Kunsill qabel li għandna nikkunsidraw li din tista' ssir meta jkun qed isir xogħol ta' tarmak fi Triq Kraba iżda peress li għandna talbiet dwar problemi simili f'toroq oħra madwar ix-Xewkija, irridu naraw jekk hux possibbli finanzjarment li jsiru kollha.

ix. Memo 9/2011 titratta dwar skema speċjali dwar Librerji Pubbliki. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw biex nieħdu fondi biex jinxtraw aktar kotba għal-Librerija Pubblika tax-Xewkija.

x. L-Arċipriet Mons Carmelo Mercieca informa lill-Kunsill dwar attivita li tista' ssir fi żmien il-Karnival. L-attivita hija kummiedja mtella' mill-Mellieħa Stage Friends li tista' ssir fiċ-Ċentru Parrokkjali nhar is-Sibt 26 ta' Frar. Il-Kunsill qabel li għandna ntellgħu din l-attivita. L-ispejjeż biex issir din l-attivita hija madwar €180 u l-PA System. Għalhekk ser isiru l-avviżi dwar din l-attivita flimkien mal-avviżi l-oħra dwar l-attivitajiet tal-Karnival.

xi. L-Għaqda Drammatika tax-Xewkija talbet l-għajnuna tal-Kunsill biex jittella' d-dramm L-Iben ta' Ħadd li ser fi żmien il-festa tal-Għid. Il-Kunsill qabel li għandu itella' din l-attivita flimkien mal-Għaqda Drammatika tax-Xewkija.

xii. Il-Perit Godwin Sultana (mill-Ministeru Għal Għawdex) informa lill-Kunsill li dalwaqt irid jitkompla x-xogħol fil-parti tal-iskola fejn għandna l-Librerija Pubblika. Din il-parti tal-iskola ser jinbidel l-użu tagħha u fil-futur ser issir uffiċini ta' Dipartimenti tal-

Gvern. Għalhekk il-Perit qed jipproponi sabiex l-entratura għal-librerija tinbidel u ssir minn naħa tal-kuridur tal-iskola primarja. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar diversi laqgħat u anke spezzjonijiet fuq il-post li saru dwar dan is-suġġett. Is-Sindku qalet li bħala Kunsill qed naħdmu biex inkabbru l-Librerija Pubblika u anke jkun hemm kamra oħra biex tintuża bħala kitchenette u anke għal faċilitajiet sanitarji. Il-Kunsill qabel dwar dan u għalhekk is-Sindku għandha tkompli tikkordina dan il-proġett. Għalhekk se tintalab ukoll laqgħa mal-Perit Sultana. Is-Sindku għandha tiltaqa' ukoll mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru Għal Għawdex is-Sur Joseph Xerri biex jiġi diskuss dan il-proġett.

xiii. Il-Malta Standards Authority infurmat lill-Kunsilli Lokali li ser isiru spezzjonijiet fil-playing fields kollha ta' Malta u Għawdex. Għalhekk talbet li tiġi nominata persuna biex meta jkunu ser isiru l-ispezzjonijiet, din il-persuna tkun tista' tikkordina x-xogħol meħtieġ. Il-Kunsill qabel li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkordina dan ix-xogħol.

## 9. Materja oħra

i. Anthony Dingli li joqgħod Ta' Kerċem issuġġerixxa sabiex fil-playing field ta' Triq tal-Ħamrija jitneħħa l-hedges kollu peress li qed ikun hemm il-ġrieden. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jitneħħa l-hedges. Il-Kunsill qabel li nagħmlu rapport ma' tas-Sanita ħalli jieħdu l-miżuri meħtieġa.

ii. Anthony Dingli ssuġġerixxa ukoll sabiex il-bank li hemm fejn tal-boċċi u li qieghed fuq iċ-ċint tal-playing field ta' Triq Ħamrija isirlu dahar peress li ma fihx. Il-Kunsill ma qabilx ma' dan is-suġġeriment peress li jekk isir id-dahar jiġi 'l fuq mill-hedges u jkun jidher ikrah. Dak il-bank kien sar kif talbu tal-club tal-boċċi stess.

iii. Paul Saliba ta' Triq Bennejja, ix-Xewkija, talab sabiex rampa li hemm ma' ġenb il-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena n-naħa ta' Triq San Bert issir bankina peress li hija perikoluża. Huwa qal li din ir-rampa hija ta' garaxx li hemm mal-istess kappella u m'għadix tintuża. Huwa qal ukoll li l-Arċ. Mons Carmelo Mercieca wkoll kien qallu biex din ir-rampa titneħħa minn rampa u ssir bankina. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ mill-ħaddiema tagħna.

iv. Paul Saliba talab ukoll biex titranġa t-triq fl-inħawi Ta' Lambert peress li tinsab fi stat ħażin. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kien diġa ordna x-xogħol għand l-MSD peress li din it-triq kienet ġiet rapportata aktar qabel. Fil-fatt ftit tal-jiem ilu sar ix-xogħol meħtieġ minn naħa tal-MSD.

v. Il-Kunsill reġa' irċieva ilmenti dwar dawk li kienu funtani fi Ġnien il-Ħaddiem. Saru suġġerimenti biex dawn jimtlew bil-ħamrija u jitħawlu fjuri jew siġar. Is-Sindku pproponiet biex naraw jekk hux possibbli li nirranġaw dawn il-funtani.

vi. Il-Kunsillier Hubert Saliba ppropona li jinbidlu tabelli ta' 'no entry' u 'stop' li hemm fi Triq Arc. Ciantar kantuniera ma' Pjazza San Ġwann Battista peress li dawn jinsabu fi stat ħażin. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ minn Refalo Signs.

vii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li fi Triq Taflija bejn il-bini tal-Enemalta u tal-fabbrika ta' Magro Bros qed jgħaddi l-ilma tax-xita li jkun ġej minn naħa ta' fuq u dan qed jikkawża periklu. Peress li din hija triq fiż-żona industrijali l-Kunsill qabel li niktbu ittra lill-Malta Industrial Parks sabiex jagħmlu water culvert.

viii. Carmel Pace ta' Plot 35 Triq Manwala, ilmenta li madwar il-plots Tal-Barmil qed ikun hemm xi ħadd idur biż-żiemel u ħafna drabi l-ħmieġ taż-żiemel jibqa' fit-toroq bil-konsegwenza li jintrifes mill-karozzi u anke jkun hemm ħafna ntejjen. Il-Kunsill qabel li Carmel Pace għandu jinforma lill-Kunsill min huwa s-sid taż-żiemel u b'hekk inkunu nistgħu nieħdu l-passi meħtieġa.

ix. Carmel Pace ta' Plot 35 Triq Manwala, informa lill-Kunsill li quddiem tiegħu (in-naħa ta' Triq Dun Grezz Farrugia – peress li l-post tiegħu qiegħed kantuniera) qed iżomm l-ilma tax-xita. Huwa qal li dan mhux ta' nkonvenjent għalih iżda għal min ikun għaddej minn hemm. Il-Kunsill qabel li fl-inħawi tal-Barmil HOS hemm diversi problemi simili u għalhekk dawn ikunu jistgħu jitranġaw meta l-Kunsill ikollu l-finanzi għalihom.

x. Dun Gorg Mercieca ilmenta mal-Kunsill dwar il-mod kif twaħlu t-tabelli tat-traffiku fi Triq Arc Ciantar, li jiġi fuq wara tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li għandna nirranġaw dawn it-tabelli.

*(F'dan il-ħin, id-9.15pm, il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li ma jistax ikompli jattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill)*

xi. Il-Kunsillier Hubert Saliba nforma lill-Kunsill li Francis Pace li jieħu ħsieb il-Youth Club fi Triq il-Knisja kien talbu biex jingħata materjal biex issir il-bankina tal-istess Youth Club. Ix-xogħol ser jagħmlu huwa stess. Il-Kunsill qabel li għandna nagħtuh il-materjal li jkollu bżonn biex issir il-bankina.

xii. Dan l-aħħar fi Triq Torri Tingi sar inċident fejn waqgħu xi kaptelli ta' xelter. Peress li kien hemm ħofra kbira li kienet perikoluża ittieħdu l-miżuri meħtieġa biex jitneħħa l-periklu u tpoġġew barriers u dwal apposta. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru kaptelli ġodda u x-xelter jingħalaq b'tali mod li jekk fil-futur inkunu jrridu nerġgħu niftħuh, inkunu nistgħu. Għalhekk il-Perit Saliba ġie mitlub biex jordna x-xogħol meħtieġ biex jingħalaq ix-xelter. Il-Kunsill qabel li l-kaptelli jiġu ordnati għand Vella Bros kemm 'l darba l-MSD m'għandhomx kaptelli tal-qis li jridhom il-Perit Saliba.

Il-laqgħa spiċċat fl-9.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu, 2011 fis-6.00pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku

XEWKIJA

**Skeda ta' Pagamenti**

Data: 16.02.2011 Nru: 6-37

| **Nru** | **Deskrizzjoni** | **Isem/Kuntrattur** | **Ammont Euro** | **Ċekk Nru** |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Cancelled | | | 8444 |
| 2 | Avviż Karnival | Department Of Information | 9.32 | 8445 |
| 3 | Bolli | Georgia Hili | 75.00 | 8446 |
| 4 | Dwal ghal-Karnival | Arms Ltd. | 130.00 | 8447 |
| 5 | Kont tat-telefon | Go plc | 13.87 | 8448 |
| 6 | Żebgħa | Reno's Ironmongery | 74.27 | 8449 |
| 7 | P.A. System - Jum ix-Xewkija 2010 | Ronnie Dimech | 270.80 | 8450 |
| 8 | Flyers christmas/Jum il-Kunsill etc. | Jde Bono Printing Ltd. | 288.75 | 8451 |
| 9 | Madum u Kurduna Triq Sant' Indrija | J.C.R. Ltd. | 152.22 | 8452 |
| 10 | A4 Papers - Stationery | Office Club | 165.00 | 8453 |
| 11 | Alarm System | Alberta | 800.63 | 8454 |
| 12 | Embroidery Lessons | Mary Louise Bajada | 250.00 | 8455 |
| 13 | Refill Computers Repairs | Island Tech | 79.50 | 8456 |
| 14 | Ħriet | Mario Zammit | 165.00 | 8457 |
| 15 | Wirja tal-Għasafar 2010 | Gozo Bird Breeders Society | 350.00 | 8458 |
| 16 | C.M. fees Jannar 2011 | Galea Curmi Eng. Consultants | 88.40 | 8459 |
| 17 | Street Cleaning Jannar 2011 | Xewkija Tigers F.C. | O | 8460 |
| 18 | OPM (ITSD) Avviż Offerti | Segretarju Permanenti | 26.00 | 8461 |
| 19 | Kont tad-dawl u ilma | Arms Ltd. | 316.73 | 8462 |
| 20 | Cancelled | | | 8463 |
| 21 | Servizz Librerija Jannar 2011 | Monica Mercieca | 250.52 | 8464 |
| 22 | Mirja | Guillaumier Ltd | 105.13 | 8465 |
| 23 | Tiswija ta' Bozoz | Richard Cauchi | 1494.42 | 8466 |
| 24 | Servizz Bulky Refuse Jannar 2011 | Joseph Attard | 45.99 | 8467 |
| 25 | Laqgħa Sindki | Assoċazzjoni Kunsilli Lokali | 85.00 | 8468 |
| 26 | Fjuri | Il-Ġardina | 116.47 | 8469 |
| 27 | Dekorazzjonijiet tal-Milied | Anthony Buhagiar | 413.00 | 8470 |
| 28 | E Mail Acounts | M.I.T.A. | 9.96 | 8471 |
| 29 | Toner | Office Group Ltd. | 111.62 | 8472 |
| 30 | Collection of Refuse Jannar 2011 | K.I.P. Għawdex Ltd. | 2269.64 | 8473 |
| 31 | Kotba | Joe Camilleri | 40.00 | 8474 |
| 32 | Public Convenience Jannar 2011 | Dir. Tourism & Economic D. | 282.53 | 8475 |
| 33 | Plywood Għax-xelter | Francis Caruana (Gozo) Ltd. | 59.20 | 8476 |
| 34 | Dekorazzjonijiet tal-Milied | Donald Camilleri | 400.00 | 8477 |
| 35 | Light poles maintenance | Donald Camilleri | 54.00 | 8478 |

XEWKIJA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 36 | Kont tat-telefon | Go plc | 236.53 | 8479 |
| 37 | Patching | Joseph Magro | 210.13 | 8480 |
| 38 | Performing Right Society | Assoċazzjoni Kunsilli Lokali | 18.00 | 8481 |
| 39 | Tindif Frar 2011 | Pauline Xerri | 50.00 | 8482 |
| 40 | Tindif Frar 2011 | Publia Xerri | 50.00 | 8483 |
| 41 | Salarju Frar 2011 | Segretarju Eżekuttiv | 1454.44 | 8484 |
| 42 | Salarju Frar 2011 | Assistant Principal | 1161.09 | 8485 |
| 43 | Mayors' Allowances Frar 2011 | Sindku | 530.33 | 8486 |
| 44 | Taxxa u Bolla Frar 2011 | C.I.R. | 932.1 | 8487 |
| 45 | L-Arloġġ tal-Pjazza tad-dawl | Arms Ltd. | 54.87 | 8488 |
| 46 | Toys għall-Party tal-Milied tat-tfal | La Fayette Ltd. | 259.2 | 8489 |
| | | **Total €** | **13949.66** | |

Segretarju Eżekuttiv Sindku V. Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 422